MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1140/2002

**Myriam Causon**

**vs**

**Nicholas Falzon**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti kkuntrattaw iz-zwieg taghhom fil-Camden Registry Office ta' Londra fir-Renju Unit fil-11 ta' Frar 1991 (*vide* Dok "A");

Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti ma kellhomx ulied;

Illi dan iz-zwieg tfarrak irrimedjabbilment minhabba adulteru, zevizzi u ngurji gravi da parti tal-konvenut u dan kif jirrizulta ampjament waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi permezz ta’ kuntratt pubblikat fis-26 ta’ Marzu 1991 u iskritt fl-atti tan-Nutar Dottor Charles Vella Zarb (*vide* Dok “B”), il-kontendenti eskludew u tterminaw is-sistema tal-komunjoni tal-akkwisti kif regolata bil-ligi nostrana b’mod illi mid-data tal-pubblikazzjoni tal-imsemmi kuntratt kull akkwist maghmula mill-attrici sar proprjeta’ taghha biss filwaqt illi kull akkwist maghmul mill-konvenut sar proprjeta’ tieghu esklussivament;

Illi l-imsemmi kuntratt sar bl-awtorizzazzjoni tal-Onorabbli Sekond’ Awla tal-Qorti Civili u a tenur tal-**artikolu 1244 (1) tal-Kodici Civili;**

Illi wara l-pubblikazzjoni tal-imsemmi kuntratt l-attrici ssomministrat lill-konvenut zewgha diversi somom ta’ flus, ammontanti ghal eluf ta’ liri, u dan kemm sabiex ghamel varji akkwisti, fosthom kitarra elettronika u mutur, u kif ukoll sabiex juzahom ghal skop ta’ negozju u sabiex isiru certi hlasijiet bhal taxxa fuq id-dhul, taxxa tal-VAT u spejjez tal-kumpaniji u kif ukoll kirjiet u kontijiet tad-dawl, ilma u *telephone*, u dan dejjem b’titolu illi jgib mieghu r-radd tal-imsemmija somom ta’ flus lilu somministrati;

Illi effettivament il-konvenut qatt ma radd lura l-imsemmija somom ta’ flus lill-attrici;

Illi l-kontendenti ilhom separati *de facto* ghal diversi snin;

Illi l-attrici giet awtorizzata sabiex tipprocedi b’din il-kawza b’digriet moghti mill-Onorabbli Sekond’ Awla tal-Qorti Civili illi jgib in-numru 373/2001 (*vide* Dok “C”);

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba adulterju, sevizzi, ingurji u

ragunijiet serji ohra kontemplati u accettati fil-ligi mputabbli unikament lill-konvenut;

2. Prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara illi l-konvenut ghandu jrodd lill-attrici dawk is-somom ta' flus lilu somministrati mill-attrici waqt iz-zwieg, kif fuq espost, b'titolu illi jgib mieghu r-radd;

3. Tillikwida dawn is-somom ta' flus illi l-konvenut ghandu jrodd lura lill-attrici; u

4. Tikkundanna lill-konvenut biex irodd lura lill-attrici dawk is-somom ta' flus lilu somministrati mill-attrici kif likwidati minn din l-Onorabbli Qorti;

5. Tawtorizza lill-attrici sabiex tirriverti lura ghal kunjom xbubitha, u cjoe' 'Causon';

6. Tawtorizza lill-attrici sabiex tirregistra fir-Registru Pubbliku s-sentenza illi ghandha tigi pronunzjata minn din l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk relatati mal-procedura istitwiti quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili, kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 11 tal-process;

Rat id-digriet affidavit tal-attur tat-22 ta' Novembru 2002 b'terminu ta' sittin (60) gurnata.

Rat ir-rikors tal-konvenut tat-13 ta' Jannar 2003 fejn talab li jigi awtorizzat jipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet tieghu salv li jaghti ragunijiet biex jiggustifika l-kontumacja tieghu.

Rat il-verbal tal-5 ta' Marzu 2003 fejn il-Qorti estendiet it-terminu ghall-prezentata tal-affidavits attrici b'hamsin (50) gurnata ohra. Inghata digriet nota guramentata. Il-Qorti nnominat lil Dr. Paul Farrugia bhala Assistent Gudizzjarju

sabiex wara tali terminu jiffissa tliet (3) seduti ghall-provi kollha attrici.

Rat in-nota guramentata relevanti tal-attrici Miriam Causon datata 13 ta’ Marzu 2003.

Rat ir-risposta tal-attrici tal-4 ta’ April 2003 ghar-rikors tal-konvenut tat-13 ta’ Jannar 2003.

Rat id-digriet sussegwenti tal-Qorti tal-15 t’April 2003 fejn ordnat lill-attur jiex jipprezenta l-affidavits tieghu dwar il-gustifikazzjoni tal-kontumacja fi zmien (15) hmistax-il gurnata bin-notifika lill-kontro-parti li jkollha l-istess terminu biex tirrispondi.

Rat in-noti tal-istess attrici wahda datata 7 t’April 2003 li permezz taghha esebiet tliet affidavits, cjoe’ dak ta’ Louis Galea, ta’ Christopher Gauci u ta’ Brian Mifsud; u nota ohra tas-7 t’April 2003 li permezz taghha esebiet l-affidavit taghha stess.

Rat in-nota tal-konvenut Nicholas Falzon tad-29 t’April 2003 fejn biha esebixxa l-affidavit tieghu.

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta’ Gunju 2003 fejn xehdu l-konvenut, u d-difensur tieghu Dr. Fiorella De Marco.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi l-konvenut **Nicholas Falzon** permezz ta’ affidavit iddikjara bil-gurament:-

*“Illi jiena gejt notifikat bil-kawza ghal separazzjoni fl-ismijiet ‘Miriam Causon vs Nicholas Falzon’ u dan fil-5 ta’ Dicembru 2002.*

*Illi jiena kont ghadni kemm tajt ruhi b'notifikat quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili fuq proceduri ntavolati mill-mara tieghi Miriam Causon u dana fuq talba li ghamlet l-istess mara tieghi ghal annullament.*

*Illi jiena meta rcevejt il-karta tac-citazzjoni 1140/02, assumejt li dawn kienu l-karti tal-annullament – u effettivament bdejt naghmel l-abbozz tal-affidavit tieghi biex nirrispondi fuq il-meritu tal-annullament.*

*Illi kien biss meta hadt il-karti ghand l-avukat tieghi – u allura kien gia skada t-terminu tal-ghoxrin gurnata – li rrealizzajt l-izball tieghi.*

*Ghaldaqstant nitlob bir-rispett illi jigi lili awtorizzat nipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet u d-dikjarazzjoni relattiva u dan sabiex inkun nista' nittutela d-drittijiet tieghi".*

Illi minbarra dan hemm ix-xhieda tal-istess konvenut datata 25 ta' Gunju 2003 u tal-Avukat Dr. Fiorella de Marco tal-istess data.

**(ii) LIGI U GURISPRUDENZA.**

Illi skond l-**Artikolu 187 tal-Kap 12**, hemm stipulat kif ghandhom isiru n-notifiki w *inter alia* fl-istess **Artikolu 187 (1)** jinghad li din ghandha tithalla *"f'idejn wiehed fis-servizz ta' dik il-persuna jew f'idejn il-prokuratur taghha jew persuna awtorizzata minnha biex tircievi l-posta taghha, fil-lok fejn toqghod, jew tahdem jew fil-post tax-xoghol jew fl-indirizz postali taghha".*

Illi din il-Qorti gja' kellha l-opportunita' li tippronunzja ruhha fuq il-kwistjoni tal-gustifikazzjoni tal-kontumacja u l-principji li jirregolawha fis-sentenza taghha fl-ismijiet **"David Jones et vs Joe Pace et"** (Cit. Nru. 1302/97/RCP) deciza fis-16 ta' Novembru 1998, fejn il-parametri tal-istess kuncett gew ikkonfermati fis-sens li min-naha wahda l-Qorti trid ikollha konvinciment morali tal-aspett negattiv tal-konvenut, sabiex jigi osservat il-principju *'audi alteram partem'* u min-naha l-ohra ma jridx

ikun hemm negligenza tal-parti jew tal-mandatarju taghha, ghaliex allura minflok il-prova tal-kawza gusta jkun hemm *'il-culpa'* u f'dak il-kaz il-persuna ma tkunx tista' tilmenta minn xejn ghaliex *"qui culpa sua damnum sestit non videtur damnum sentire"* (Appell. **"Paul Grixti vs Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici"**) deciza fit-12 ta' Dicembru 1970.

Illi fil-kawza **"Albert Mizzi noe vs Id-Direttur tax-Xoghlijiet" (**P.A.M. 19 ta' Frar 1990. Vol. VLXXIV iii. 451.) sostniet li **l-artikolu 187 (1)** ghandu jiftiehem fis-sens illi jekk il-konsenja tal-kopja tal-att issir lil wahda mill-persuni ndikati mill-ligi ghandu jigi prezunt ghall-finijiet tan-notifika illi hija waslet ghand id-destinatarju. Dan pero`, ghall-finijiet tal-purgazzjoni tal-kontumacja (ezercizzju li prattikament jippostula notifika procedurali valida, ghax altrimenti l-persuna nteressata timxi proceduralment mod iehor) ma jipprekludiex lill-persuna li kellha tigi u guridikament giet notifikata izda qatt ma giet murija l-att mill-persuna li rcevietu u bil-ligi setghet tircevih, illi fil-kazijiet kongrui tfittex l-imsemmija purgazzjoni.

Illi kemm f'dan il-kaz citat u kemm fil-kaz **"Alfred Piscopo vs Direttur tas-Servizzi Socjali"** (Appell. 4 ta' Mejju 1992 – Vol. LXXXI. 293) inghad li meta jkun *"hemm inkompetenza u/jew negligenza da parti ta' l-addetti tal-konvenut, pero` ma jidhirx li sal-mument li kien ghaddej it-terminu ta' 20 jum kellu xi kontroll jew mezz l-istess konvenut biex jirrispondi".* L-istess inghad fis-sentenza **"Paul Vella et vs Anthony Ellul"** (P.A.S.P. 4 ta' Lulju 1991) fejn gie applikat l-istess principju meta n-nuqqas ikun minn membru tal-familja tal-konvenut.
Illi nfatti fl-istess sentenza **"Paul Vella et noe vs Anthony Ellul"** (P.A.SP - 4 ta' Lulju 1991) fejn in-nuqqas kien da parti ta' membru tal-familja tal-konvenut gie ritenut li:-

*"Din il-Qorti tqis l-istitut tal-kontumacja bhala mizura punittiva necessarja biex tassigura serjeta' fil-proceduri u rispett dovut lejn l-atti emessi mill-Qorti. Mill-banda l-ohra proprju minhabba s-sanzjoni spiss irriversibbli li timporta, hi tifhem li r-rigorosita' tal-procedura ghandha tigi applikata w interpretata b'mod restrittiv fis-sens li fejn il-*

*Qorti tkun sodisfatta li ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti tal-persuna notifikata li jista' jammonta ghall-culpa … … … … … anki ghax ma jistax ikun hemm kolpa fejn ma kienx hemm il-konoxxenza tan-notifika ta' l-att bhala fatt, ma ghandu jkun hemm l-ebda ostakolu li l-kontumacja titqies li giet gustifikata*."

Illi dawn il-principji gew applikati minn din l-istess Onorabbli Qorti fil-kawza **"Michael u Natasha konjugi Philippov vs Paul Stoner f'ismu proprju u bhala direttur u in rapprezentanza tas-socjeta' Greys Development Division Limited"** (Cit. Nru. 1047/97/RCP deciza fid-9 ta' Dicembru 1998) u l-kawza l-ohra fl-istess ismijiet deciza fis-16 ta' Dicembru 1998.

Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Appell mill-Bord) fl-ismijiet **"Margaret Bugeja u Tereza Azzopardi vs Alfred Ellul"** ((JSP) deciza fit-13 ta' Jannar 1999), il-Qorti elenkat il-principji li jirregolaw lil dan l-istitut:-

1. Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta u gustifikata jekk kienet volontarja.

2. Lanqas tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza.

3. Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta.

4. Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f' impediment legittimu.

5. L-impediment biex ikun legittimu ghandu jkun indipendenti mill-volonta' tal-kontumaci.

6. L-izball ma hux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli ghaliex ikun vincibbli allura jigi ekwiparat ghall-kolpa.

7. Dan l-impediment legittimu jista' jkun kif intqal, *"una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili"*.

8. L-impossibbilta’ li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta’ gravi, biex tista’ tikkostitwixxi mpediment legittimu ghandha tkun fizika u eccezzjonalment biss tista’ tkun morali.

9. (Ara ukoll XXV. i. 323; Vol XXXVI. i. 338; Vol XXXXVI. ii. 484; Vol XLIII. i. 545, 605; Vol XLVI. i. 533, 542, 545, 546 u ohrajn).

*“Dawn il-principji ghandhom pero’ jigu applikati fl-isfond tas-segwenti nsenjament ta’ din il-Qorti illi jenfasizza l-origini ta’ l-istitut tal-kontumacja bhala mizura ta’ dixxiplina lejn l-awtorita’ tal-Qorti u sanzjoni ghan-nuqqas ta’ rispett lejn l-awtorita’ taghha*” (*vide* **“Macpherson Mediterranean Ltd vs Godwin Gatt Suban et”** deciza 21.4.1999 – Cit. Nru. 2409/97/RCP).

**(iii) APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi l-konvenut qed jaghmel dan ir-rikors biex juggustifika l-kontumacja *stante* li *nonostante* li gie notifikat fl-4 ta’ Dicembru 2002 personalment bl-att tac-citazzjoni u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza (*a tergo fol. 16 u f’fol. 17)* l-istess konvenut naqas li jipprezenta nota tal-eccezzjoni fiz-zmien ghoxrin (20) gurnata mid-data tan-notifika.

Illi fl-istess rikors tieghu tat-13 ta’ Jannar 2003 l-istess konvenut isostni li dak iz-zmien kien ghadu kemm gie notifikat b’kawza ta’ annullament taz-zwieg istitwita minn martu, u allura assuma li dawn kienu karti ta’ annullament ukoll. Huwa kompla jaghmel l-affidavit ghall-kawza ta’ annullament, u meta mar ghand id-difensur tieghu gie nfurmat li kien skada t-terminu ghall-eccezzjonijiet f’din il-kawza ghaliex din ma kellha x’taqsam xejn mal-kawza l-ohra ta’ annullament taz-zwieg. B’hekk huwa qal li nduna bl-istess zball.

Illi l-affidavit tieghu datat 29 ta’ April 2003 ma huwa xejn izjed hlief li fil-prattika kkonferma l-istess rikos bil-gurament tieghu, u fil-fatt lanqas biss ghamel referenza specifika ghall-kawza l-ohra u meta gie notifikat bl-istess.

Illi fix-xhieda tieghu tal-25 ta’ Gunju 2003 in kontro-ezami sostna li huwa jaf jaqra u li huwa kien qara l-istess citazzjoni odjerna, izda qal li ma ndunax li din kienet kawza ta’ separazzjoni u ma kienx jaf jidentifika bejn kawza ta’ separazzjoni w annullament. Illi f’mument minnhom qal ukoll li kien ircieva zewg citazzjonijiet flimkien, ghalkemm fl-atti proceswali odjerni ma hemm l-ebda prova ta’ dan. Mistoqsi mill-Qorti ma kienx jaf jghid kemm kien hemm zmien bejn meta rcieva citazzjoni u ohra. Aktar tard qal li kien ircieva citazzjoni kien hemm seduta fuq l-istess u wara rcieva l-karta l-ohra.

Illi fl-istess xhieda tieghu qal li ra li kellu ghoxrin (20) gurnata zmien biex jirrispondi, izda peress li kien zmien il-Milied kellem lill-avukat ftit wara dan iz-zmien. Dr. Fiorella De Marco kkonfermat li qabel in-notifika tac-citazzjoni odjerna l-konvenut kien tela’ l-Qorti fuq il-kawza tal-annullament u kellu jipprepara l-affidavit wara tali seduta; f’Jannar avvicina lill-istess avukat fejn qallha dwar din il-kawza li kien ircieva fil-5 ta’ Dicembru 2002, u hija hadet l-impressjoni li l-konvenut genwinament kien ghamel zball, tant li kien mar ghandha bl-affiavits tal-kawza l-ohra.

Illi mill-provi migjuba mill-istess konvenut din il-Qorti ma thossx li l-konvenut irnexxielu jipprova li ghandu bazi sabiex jiggustifika l-kontumacja tieghu. Anzi jidher li assolutament ma hemm l-ebda bazi legali ghaliex it-talba tieghu ghandha tigi akkolta, u dan peress li jidher li l-konvenut li kien debitament notifikat personalment fil-5 ta’ Dicembru 2002 bl-att tac-citazzjoni attrici u odjerna kien traskurat, *stante* li *nonostante* li ammetta li qara l-istess citazzjoni, u wkoll fehem li kellu ghoxrin (20) gurnata sabiex jipprezenta l-eccezzjonijiet, jew sabiex kif qal huwa stess ikellem avukat, huwa halla l-ghoxrin gurnata kollha jghaddu u kellem lill-avukat biss f’Jannar 2003, presumibbilment qabel id-data tar-rikors tieghu tat-13 ta’ Jannar 2003. Ghalhekk certament li l-istess konvenut wera negligenza serja kif tratta din il-kwistjoni, *stante* li konxjentozament halla tali perjodu jghaddi sabiex sempliciment kellem lill-avukat tieghu.

Illi li d-data tan-notifika kienet fil-5 ta' Dicembru 2002 lanqas ifisser kif qal il-konvenut jew donnu li jaghti mpressjoni li din kienet notifika li saret fil-granet ta' festi tal-Milied, *stante* li jidher car li kien hemm ghoxrin (20) gurnata qabel il-Milied innifsu, u ma ngabet l-ebda prova li f'tali terminu pprova jikkomunika mal-avukat tieghu, u ma rnexxielux. Anzi mill-provi prodotti jidher li ma ghamel xejn qabel id-data f'Jannar 2003 meta ovvjament u korrettament gie nformat mill-avukat tieghu li huwa kien kontumaci.

Illi l-allegazzjoni tal-konvenut li huwa haseb li l-istess citazzjoni kellha x'taqsam mal-kawza tal-annullament ma treggix, *stante* li fl-ewwel lok jidher li qabel ma rcieva din ic-citazzjoni kien gja' deher dwar ic-citazzjoni l-ohra dwar l-annullament, u ghalhekk qatt ma seta' jfixkel kawza mal-ohra, ghaliex jidher li n-notifiki tal-istess kienu ben separati u distinti minn xulxin. Dan apparti li l-istess citazzjoni odjerna ma kellha x'taqsam xejn ma' kawza ta' annullament, u d-dicitura fl-istess citazzjoni hija cara. Anke kieku jigi accettat li ghall-grazzja tal-argument l-istess konvenut ma setghax jew kienx kapaci jaghraf id-differenza bejn l-istess, xorta jibqa' l-fatt li jekk ma fehemx dak li rcieva kellu jmur ghand l-avukat tieghu fit-terminu moghti lilu fic-citazzjoni attrici. Izda jidher li l-konvenut lanqas dan ma ghamel, anzi baqa' ma ghamel xejn sakemm fil-kumdita' tieghu mar kellem lill-istess avukat tieghu f'Jannar 2003.

Illi ma hemm l-ebda dubju li mill-provi prodotti jirrizulta li l-konvenut fehem sew li kellu jirrispondi l-istess citazzjoni attrici fi zmien ghoxrin (20) gurnata, u li allura kellu jkellem avukat *entro* l-istess terminu, izda jidher ukoll pruvat li l-istess konvenut ma ghamel l-ebda attentat sabiex jaghmel dan, tant li minn imkien ma jidher li avvicina lid-difensur tieghu f'tali terminu u ghar-ragunijiet mhux imputabbli lill-konvenut ma rnexxielux jaghmel dan. Certament li jidher li d-difensur tieghu ma rceviet l-ebda komunikazzjoni minghand l-konvenut qabel id-data ta' Jannar 2003, u dan ghaliex il-konvenut kien xejn inqas minn negligenti f'dan ir-rigward, u ghalhekk fuq l-iskorta tal-principji fuq enuncjata

ma jistax ikun hemm gudizzjarjament lok sabiex jinghad li l-konvenut iggustifika l-kontumacja tieghu.

Illi anzi mill-provi prodotti jidher car li l-konvenut kien kolpevoli fin-nuqqas da parte tieghu li jipprezenta nota tal-eccezzjonijiet fit-terminu lilu moghti fil-ligi, u l-kawza ta' dan in-nuqqas kienet biss it-traskuragini tal-istess konvenut, u xejn izjed u ghalhekk fuq l-iskorta tal-principji fuq enuncjati ma hemmx lok li t-talba tieghu kontenuta fir-rikors tieghu tat-13 ta' Jannar 2033 tista' tigi milqugha.

Illi hawn issir riferenza ghal dak li nghad fis-sentenza **"Rita Schembri nee' Calleja vs Mario Schembri"** (P.A. (RCP) 26 ta' Gunju 2003 fejn inghad li l-istess principji japplikaw ghall kawzi tal-familja, sew f'kazijiet ta' separazzjoni, jew annullamenti taz-zwieg, jew ghal kull kawza ohra tant li nghad is-segwenti:-

*"Veru li din hija kawza ta' annullament taz-zwieg, pero' wkoll ma hemm l-ebda dubju li r-regoli tal-gustifikazzjoni tal-kontumacja huma l-istess ghal kull kawza, kemm jekk din titratta dwar l-ligi tal-familja, u kemm jekk hija kawza ohra ta' natura civili jew kummercjali, u dan ghaliex l-ligi ma taghmel l-ebda distinzjoni fir-rigward, kif wkoll lanqas taghmel din id-distinzjoni jew differenza ta' trattament l-gurisprudenza nostrali".*

Illi f'dan il-kuntest huwa relevanti dak li nghad fis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Apell fil-kawza fl-ismijiet **"Vivienne Charmaine Mizzi vs Carmel Mizzi"** (A.C. (JSP) (CA) (JDC) 21 ta' Lulju 2001 fejn inghad is-segwenti:-

*"Indubbjament l-istutut ta' kontumacja bl-ebda mod ma huwa relatat mal-mertu tal-kawza jew ma' l-implikazzjonijiet personali, socjali jew xort'ohra tieghu. Hu stitut intiz biss bhala fren biex irazzan l-atteggjament ta' kontumelja u disprezz da parti ta' min kien citat biex jersaq quddiem il-Qorti u jaghzel li jinjora tali ordni bla ma jkollu gustifikazzjoni xierqa. Ma kienx gust allura li ssir distinzjoni jew preferenza fejn il-ligi ma taghmilhiex u ma tippermettihiex.*

*Din il-Qorti tiddistingwi wkoll bejn l-istat kontumacjali li kellu jkun uniformement l-istess ghal kull min, bl-atteggjament negattiv tieghu, juri kontumelja u disprezz lejn il-Qorti, indipendentement mix-xorta tal-mertu tal-kawza, u l-mod kif il-gudikant jipprocedi fit-trattazzjoni tal-kawza, benche' fil-kontumacja tal-parti, biex jassigura smiegh xieraq u gust li lanqas jaghmel hsara lill-kontendenti. Dan partikolarment minhabba l-fatt illi l-istat kontumacjali tal-konvenut jew tal-konvenuta f'kawza ta' separazzjoni personali jista' wkoll spiss ikollu effett negattiv mhux biss fuq dik il-parti, imma wkoll fuq haddiehor, bhal per ezempju l-ulied minuri.*

*Konsidrat imbaghad li hu ormai pacifiku illi l-kontumacja ma tissarrafx f'ammissjoni tal-konvenut, imma pjuttost f'kontestazzjoni tat-talbiet attrici, hu car ukoll li l-Qorti kellha latitudini wiesgha fil-kondotta tal-proceduri quddiemha, anke biex tasal ghall-konvinciment dwar min kien realment il-htija tat-tifrik taz-zwieg".*

Illi dak huwa li ghamlet din il-Qorti fil-kawza odjerna, u l-principji applikati minnha huma dawk li dejjem u konstantement gew ritenuti fid-decizjonijiet nostrali li huma konstanti f'dan ir-rigward u ghalhekk abbazi tal-premess it-talba tal-konvenut fir-rikors tieghu tat-13 ta' Jannar 2003 ghandha tigi michuda.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' r-risposta tal-attrici datata 4 ta' April 2003, **tichad it-talba tal-konvenut rikorrenti fir-rikors tieghu tat-13 ta' Jannar 2003** fejn talab li jigi awtorizzat li jipprezenta n-nota tal-eccezzjonijiet tieghu, u dan *stante* li tali talba hija nfondata fil-fatt u fid-dritt peress li mill-provi minnu prodotti ma jirrizultax li l-konvenut iggustifika l-kontumacja tieghu.

Bl-ispejjez ta' din id-decizjoni kontra l-istess konvenut.

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------